MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2011

Numru. 1031/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**Vs**

**Astorqui Solano Gonzolo ta’ 24 sena mwielede Spanja nhar il-25 ta’ Lulju 1987, bin Eduardo u Isabel nee` Solano u residenti gewwa Ibernia Hotel Room 208, Sliema u detentur tal-karta ta’ l-identita` Spanjola No:- 16085383K**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar it-03 ta’ Settembru 2011 ghall- habta ta’ 04.15hrs gewwa l-Cavallieri Hotel San Giljan:

Volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq mwejjed, siggijiet u deckchairs u ghamara ohra ghad-dannu tal-propjetarji tal-Cavallieri Hotel, San Giljan u jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) izda hija izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47):
U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku kien jinsab fis-sakra b'mod li ma setax jiehu hsieb tieghu nnifsu;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu, l-fatt illi l-imputat iddispjacih ta' li ghamel u ddikjara li lest li ihallas il-hsara ikkagjonata minnu;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 325(b), 338(ff)(dd)) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv t a’ din is-sentenza.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat inhallas lil Jacqueline Busuttil ghan-nom tal-Cavallieri Hotel jew direttur tal-istess lukana is-somma ta’ seba mija u hamsin euro (€750) u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien mal-atti jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------